# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 395/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**John Pace**

Illum 22 ta' Novembru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, John Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 593463M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Jannar, 2017 ghall-habta ta' 12:10hrs, fi Blk C, Bini tal-Gvern, Il-Fgura:

1. Hebb ghal-Maria Dolores Pace u kkagunalha griehi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija persuna, hekk kif iccertifika Dr. Thomas Degiorgio Med. Reg. 5720.
2. Insulenta jew hedded lil Maria Dolores Pace jew jekk kien pprovokat, inguraja b'mod li hareg mill-limitu tal-provokazzjoni.
3. Ikkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra Maria Dolores Pace jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).
4. Talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti Tal-Magistrati (Malta) datata 5 ta' April,

2016 moghija mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

5. Kiser l-ordni ta' protezzjoni favur Maria Dolores Pace mahrug mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech fil-5 ta' April, 2016.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 221(1), 251B(1), 339(1)(e), 383 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet akkuza kif dedotta mill-prosekuzzjoni u ghalhekk illiberatu minnha. In oltre l-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w kkundannatu ghall-sitt xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2017, fejn talab lil din il-Qorti zzomm ferma u tikkonferma l-liberazzjoni tieghu fil-konfront tat-tielet imputazzjoni u li thassar u tirrevoka l-bqija tas-sentenza billi tilliberah minn kull htija jew piena ai termini tal-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant John Pace li huma is-segwenti:

a. Illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment jissottometti li mill-provi prodotti l-prosekuzzjoni ma lahqitx l-grad tal-prova li hija rikjesta minnha ia termini tal-ligi. Fl-atti jirrizulta kjarament konflitt fil-provi. Iz-zewg persuni li xhedu kienu l-imsemmija Maria Dolores Pace u l-imputat. Huma xhedu dijametrikament opposti ghal xulin u f'dan il-kaz id-dubju kellu jimmilita' favur l-akkuzat.
   Dan qieghed jigi umilment sottomess ghax il-punt li fuqu fl-umli opinjoni tal-esponenti ma tatx spjegazzjoni kien li l-imsemmija Maria Dolores Pace li xhedet li zewgha attakkha u ddeskrivietu bhala bniedem ta' karattru hazin hafna ghazlet li suppost tmur fid-dar wahedha ghall-hwejjigha minghajr akkumpanjament ta' terzi jew tal-pulizija. Mhux biss imma kien iktar inverosimili li l-istess iddeskreviet li hija qalghet hafna daqqiet mill-imputat

pero' c-certifikat mediku li gie prodott jindika' feriti ta' natura hafifa li setghu gew prodotti minn cirkostanzi kompletament differenti u ghalhekk din il-prova indiretta ma hijiex univoka kif trid il-ligi. Li huwa evidenti pero' huwa li l-imputat f'kull mument cahad li huwa aggredixxa jew ikkomporta ruhu hazin.

b. Illi fit-tieni lok u dan dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti umilment jissottometti li l-pienq nflitta fil-konfront tieghu hija eccessiva. Dan qieghed jigi umilment sottomess l-ewwel ghax il-fatti specie tal-kaz huma veramnent pietuzi u huma naxxenti mit-tragedja li ghaddiet il-familja minnhom wara l-omicidju ta' binhom fid-dar taghhom u t-tieni ghax skont l-artikoli li bihom huwa gie misjub hati l-massimu li setgha jigi kkundannat kien ta' sitt xhur mizjud bi grad titla' ghall-disa' xhur u mhux ghall-hmistax il-xahar.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi nhar is-6 ta' Ottubru, 2017 xehdet viva voce l-kwerelanti **Maria Dolores Pace** u dan stante li x-xhieda moghtija minnha quddiem l-ewwel Qorti ma kientix giet dattilografata. Spjegat ili hija kient mizzewga lill-imputat u bejniethom kellhom tifel Jonathon Pace mgharuf bhala 'Tyson Butcher' lil kien gie maqtul gewwa daru. Qalet ukoll li jumejn qabel l-jum tal-incident li sehh fl-20 ta Jannar, 2017 l-imputat kien ghadu heireg mill-habs tlett ijiem qabel, wara li kien skonta sentenza ta' hames snin. Tghid li jumejn qabel il-jum tal-incident kienet marret fil-kumpanija ta' binha sabiex tigbor xi hwejjeg li kellha fid-dar tal-Fgura meta zewgha dakinhar kien gab ruhu sew maghha tant li anke offrielha tiekol mieghu. Tghid li hija kellha relazzjoni ma zewgha fis-sens li meta kien il-habs kien anke icemplilha u ghalhekk hasbet li

setghet terga' tmur tigbor xi hwejjeg ohra dakinhar tal-incident izda errala.

Tghid li dakinhar tal-incident hija marret il-Fgura wahdedha ghall-habta ta' 12.05 jew 12.10 p.m. meta fetah il-bieb zewgha l-appellant kellu riha ta' xorb u minnufih beda itiha daqqiet f'wiccha u darha. Hija bezat hafna minu tant li ghamlet tahtha u b'diffikolta kbira irnexilha tiskapola lil-appellant u harget mid-dar u marret tghamel rapport l-ghassa. Qalet li l-appellant kien aggressiv hafna maghha u ma ridiex titlaq izda renxxilha tiskappalu. Qalet li ta bil-pon fuq wiccha u fuq rasha. Hija marret ukoll ic-centru tas-sahha u inghatat certifikat mediku li jinsab esebit fl-atti a fol. 36. Qalet li beda jheddidha u li ma kienx ser imur il-habs min fuqha u ghal xejn.

Wara dan l-incident sehhew incidenti ohra ta' theddid u ghamlet rapport l-ghassa u esebiet kopja tal-okkorrenzi relattivi li gew markati bhala dok A,B, C u D . Mistoqsi ghaliex marret ghand l-appellant meta tghid li huwa bniedem aggressiv tghid li marret wahdedha ghalkemm fil passat dejjem marret akkompanjata anke mill-pulizija stress ghaliex peress li tlett ijiem qabel marret u l-appellant gab ruhu tajjeb maghha hassitha komda terga tmur. Mistoqsija jekk kienx hemm minn gieghlha tmur tghid li le marret minn rajha u ghaliex kellha bzonn tmur. Lilha sawwatha waqt li kienet fid-dar.

Rat l-affidavit tat-tabib **Dr Thomas Degiorgio** esebit fl-atti a fol. 35 fejn kkonferma ic-certifikat mahrug minnu esebit fl-atti a fol. 36 mahrug f'isem Maria Dolores Pace u kkonferma li kellha *'left sided bruise 3 x 4 cm situated over the left check and 2 scratch marks, 2 cm long over the back of the neck'*. Huwa kklasifika dawn il-griehi bhala dawk ta natura hafifa.

Rat l-okkorenza mehuda minn **WPC 65 Ruth Inguanez** esebita mill-prosekuzzjoni fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2017 fejn hemm indikat li l-kwerelanti irraportat ghal-habta ta' 12.00p.m gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Paola, nhar l-20 ta' Jannar, 2017 hija marret fir-residenza Numru 3, Block C, Bini tal Gvern, Fgura fejn jghix l-ex ragel taghha l-appellant u dan sabeix tigbor xi hwejjeg u dak il-hin huwa aggrediha u

beda itiha bil-ponn f'wiccha u rasha u waqt li kien qed jghamel hekk beda jheddidha li kien ser joqtolha u beda jakkuzha li taf min qatel lil binhom u li kient komplici. Haga li fil-fatt cahdet bil-qawwa kollha. Qallha ukoll li kien ser jahraqilha kull ma ghandha.

Stqarret ukoll li l-appellant kien taht l-influwenza tax-xorb. Il-Puliizja kellmu lil Pace u infurmawh li kien hemm rapport fil-konfront tieghu. Mistoqsi jekk riedx jghamel rapport fil-konfront ta' dan l-incient stqarr li kien ghadu kif hareg min hames snin habs u ma jafx x'kienu qed jghidu u stqarr li ma kien jaf xejn dwar dak li kienu qed ikelmuh dwaru.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal inhar il-5 ta April 2016 (fol. 27) fl-istess ismijiet premessi fejn kien misjub hati ta' numru ta' reati u gie kkundannat perijodu ta' tlett xhur prigunerija u multa ta' elfejn euro (€2,000).

Semghet lill-imputat **John Pace** jaghti x-xhieda tieghu viva voce quddiemha nhar it-8 ta' Novembru 2018 u stqarr li l-kwerelanti martu qatt ma marret id-dar fejn kien jirresjedi wahdu izda dejjem kienet akkompanjata minn xi hadd fosthom il-pulizija. Jghid li huwa minnu li xi tlett ijiem wara li kien hareg mill-habs kienet marret ghandu mat-tifel ta' ibnu sabiex tigbor xi hwejjeg u li kienet dahlet gewwa u li ma kienx inqala l-ebda incident. Jghid li pero' d-daqqiet li l-kwerelanti qed tghid li qalghet minghandu tlett ijeim wara ma gewx kagunati minnu ghaliex fil-fatt lanqas jaf li kien hemm dan l-incident. Mistoqsi jekk il-pulzija kellmuhx dwar dan l-incident jghid li hadd ma kellmu u sar jaf b'dan l-incident meta hargu l-akkuzi biss.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidrat.

Il-fatti fil-qosor dwar din il-kawza kienu s-segwenti:

Xi tlett ijiem qabel l-20 ta' Jannar, 2017 l-kwerelanti kienet marret fid-dar fejn

jirresjedi l-appellant il-Fgura flimkien man-neputi taghhom sabiex tigbor xi hwejjeg li kienu taghha. Dak in-nhar ma kien hemm l-ebda incident bejn il-partijiet u kien ghalhekk li xi tlett ijiem wara regghet marret biex tigbor ftit iktar hwejjeg. Gara pero' li dakinhar u cioe' fl-20 ta' Jannar, 2017 l-appellant kien xurban u irrabjat u skond il-kwerelanti kien aggressiv maghha tant li ta xi daqqiet bil-ponn fuq rasha u wicca. Stqarret ukoll li kienet marret ic-centru tas-Sahha biex taghmel certifikat mediku kif ukoll l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid biex tirraporta l-kaz. L-appellant ighid li dwar dan l-incident tal-20 ta' Jannar, 2017 ma kien jaf xejn u li l-feriti li allegatament kellha l-kwerelanti ma gewx kagunati minnu.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi l-appellant instab hati b'sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ta l-ewwel it-tieni u r-raba' akkuza u gie kkundannat sitt xhur prigunerija effettivi. L-appellant intepona appell u in primis iddikjara li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti u dan ghaliex kient rinfaccjat b'xhieda dijametrikament opposta u li din ghalhekk kellha tiffavorixxi lill-appellant u mhux lill-kwerelanti. In oltre sostna li l-kwerelanti ma kienitx xhud kredibbli u dan ghaliex marret fir-residenza tal-appellant wahedha meta suppost iddeskrivietu bhala bniedem '*agggessiv u ta' karattru hazin hafna*'. Fl-ahhar istanza u bla pregudizju ghall-premess l-appellant hass li l-piena inflitta fic-cirkostanzi tal-kaz kienet wahda eccessiva.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal

ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[1]"; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]"; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4]" u ohrajn .)

Ikkunsidrat.

Dwar il-kwistjoni ta kunflitt ta provi din il-Qorti tirrleva is-segwenti ai fini ta x'inhi l-posizzjoni legali f'dan ir-rigward. Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu **638(2) tal-Kap 9** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita. Din m'hix kwistjoni fejn kif ighidu l-Inglizi li l-Qorti '*will toss the coin*' biex tara min qed jghid il-verita' izda trd tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tara liema xhieda ghandha aktar mis-sewwa, liema xhieda hija iktar attendibbli.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne**[5], "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*[6]"

Dan l-istess raggunament gie abbraccjat fis-sentenza li inghata aktar ricenti fl-ismijiet **Il- Pulizija vs Emanuele Caruana**[7]

---

[1] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar ilt-12 ta Mejju 1994
[2] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989.
[3] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar il- 31 ta Mejju, 1991
[4] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar il- 31 ta Mejju, 1991
[5] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar id-9 ta' Lulju 2003
[6] Ara wkoll Appell Kriminali The Police v. Graham Charles Ducker, 19 ta' Mejju, 1957.
[7] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar id-9 ta Jannar, 2013

Huwa fil-fehma tad-difiza illi f'din il-kawza l-ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti u minn dawn it-tnejn ghazlet dik kif rakkontata mill-kwerelanti. Fl-ewwel lok jinghad li l-istess Qorti hi fil-pjena liberta' li taghmel dan u mhux kif ritenut mill-appellanti fil-gravami taghhom, igifieri, li f'cirkostanzi ta' konflitt fil-provi ghandha bil-fors tillibera. L-ewwel Qorti rradikat il-gudizzju taghha fuq il-principju ormai stabilit u assodat fil-gurisprudenza illi "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat.*" Fi-fatt dan hu l-istess ragunament li gie milqugh minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et**[8]

Illi per di piú dan mhux il-kaz ezatt u dan ghaliex bejn dak li stqarret l-kwerelanti u dak li qal l-appellant hemm certu fatturi li jaqblu dwarhom.

1. LI l-appellant kien ghadu kif skonta sentenza ta hames snin prigunerija.
2. Li jumejn jew tlieta war li hae mill-habs u kien id-dar , l-kwerealnti marret ghandu flimkien man neputi taghha biex tigbor hwejjigha u ma kien hemm l-ebd disgwid bejniethom.
3. Li binhom Jonathon Pace gie maqtul f'delit ta omicidju volontarju waqt li kien gewwa id dar residenzjali tieghu.

Illi pero' dwar l-incident *per se* u cioe' dwar dak li sehh fl-20 ta Jannar 2017 jidher li hemm konflitt u l-Qorti tazzarda tghid konflitt serju.

1. Filwaqt li l-kwerelanti tispjega kif sehh l-incident u cioe li marret fid-dar tal-appelllant biex tigbor hwejjigha nhar l-20 ta' Jannar, 2017 l-appellant jghid li dan l-avveniment mhux minnu sehh.
2. Filwaqt li l-kwerelanti tispjega li f'dan l-incident l-appellant hebb ghaliha u ikkagunalha feriti ta' natura hafifa kif deskritti mit-tabib Degiorgio fic-certifikat u affidavit tieghu l-appellant jghid li dawn il-feriti setghu gew

[8] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar id-19 ta Ottubru 2006.

kkawzati minn terza persuna.

3. Filwaqt li l-kwerelanti tghid li marret tirraporta dan l-incident l-ghasa u l-pulizija tkelmu mal-appellant, l-appellant ighid li dwar dan l-incident hadd ma kelmu. ( Minkejja li fl-okkorenza hemm imnizzel li hu gie mtikellem).

Illi ghalhekk din mhiex kwisjtoni ta konflitt ta provi biss izda minn miz-zewg xhieda huwa aktar kredibbli fic-cirkotanzi. Il-ligi ma tghidx meta xhud huwiex kredibbli jew le izda tipprovdi guidelines ta' kif ghandha tasal biex tiggudika jekk persuna hux qed ighid il-verita jew le. Biex il-Qort tara jekk xhud hux kredibbli jew le trid taghmel certu ezercizzju, minkejja li l-ligi tipprovdi certu guidelines fosthom biex tara jekk xhud hux kredibbli jew le fl-apprezzament tieghu, tara x'interess ghandu li qed jixhed b'certu mod. Tara per ezempju l-komportament tieghu, kif igib ruhu waqt li qed jixed, fil-karattru tieghu, il-mod kif jirrispondi, fuq xi domandi, jekk hux qed ikun evaziv, jipprova jahrab mid-domandi impost lilu u jghati twegibijiet ghad-domandi li ma jsirulux. Tara per ezempju jekk f'dak li qed jghid xhud ghandux mis-sewwa. Tara jekk dak mistqarrr minnu ghandux mis-sewwa hekk hu, jekk hux verosimili, jigifieri taraw jekk hux konsistenti mieghu nnifsu, jekk hux per ezempju daqqa jghid haga u daqqa jghid ohra, jekk hux konsistenti. Jew tara, jekk hemmx xi provi jew cirkostanzi ohra li jikkontraducu dak li qed jghid ix-xhud. Dan hu l-esercizzju li trid taghmel il-ligi meta tigi biex tizen dak li jghid xhud waqt li jkun fil-pedana tax-xhieda.

Kif intqal minn Lord Alverstone, C.J. f'in **re R. v. Stoddart**[9] : "*This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced.*[10]"

U kif tghid **Rosemary Pattenden** fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal**

---

[9] (1909) 2 Cr.App.R. 217

[10] Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003, para. 7-53 p. 936

**Litigation** (OUP 1990)[11]:

> *"The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given …*[12]*'*

Ghalhekk l-Qorti wara li qiset is-segwenti sejra tara min miz-zewg verzjonijiet hija itkar kredibbli. L-kwerelanti spjegat kif fl-20 ta' Jannar, 2017 hija marret il Fgura fir-residenza tal-appellant biex tigbor hwejjigha u spiccat b'divesi daqqiet tant li hasset il-htiega li taghmel rapport l-ghassa u tmur ic-centru tas-sahha . Illi hija tispjga li l-incident sehh bejn 12.05 p.m. u 12.10 p.m. Illi l-ghassa, il-kwerelanti marret biex taghmel ir-rapport taghha ghall-habta ta' 12.20 kif jirrizutla mill-hin indikat fl-okkorenza fejn hemm indikat li l-incident sehh ghall-habta ta' 12.10p.m Dan ir-rapport ghalhekk jikkorobora il-hin tal-incident. In oltre' jirrizulta li hija giet invistata mit-tabib Dr Degiorgio fl-istess jum. Imkien ic-certfikat ma hemm indikat li l-feriti li ra it-tabib ma kienux friski. Ghalhekk dan ic-certfikat ukoll jikkorobora ix-xhieda tal-kwerelanti. Jirrizulta wkoll li l-pulizija cempelt lill-appellant biex tistaqsih ghal verzjoni tieghu u filwaqt li l-pulizija jghid li l-appellant cahad li kien hemm incident, l-appellant jghid li l-pulizija ma kellmitux dwar dan l-incident.

Ghalhekk tutto sommat jidher li x-xhieda moghtija mill-kwerelnti ghandha iktar mis-sewwa.

Illi ghalhekk ghamlet sewwa l-ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel u it-tieni akkuza .

Dwar il-akkzua ta' recidiva jinghad li fl-atti hemm sentenza fl-istess ismijiet premessi li giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-5 ta' April 2016 fejn l-appellant kien instab hati tal-akkuzi kif

[11] (OUP 1990) f'pagni 178 – 180
[12] per Goddard LCJ, Clayton-Wright (1948) 33 Cr App R 22 p. 29

dedotti fil-konfront tieghu u gie kkundannat tlett xhur prigunerija u sabiex ihallas multa ta elfejn euro (2,000) u ghalhekk stante li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuzi odjerni qeda issibu ukoll hati tal-akkuza ta' recidiva.

Dwar l-aggravju tal-appellant li l-piena inflitta hija eccessiva din l-Qorti tghmel refernza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**[13], "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[14]" :- "*Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena*). (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[15]"

Issa fil-kaz in desamina l-Qorti kellha l-fakolta li izzid il-piena applikabbli bi grad ai fini ta dak li jipprovdi l-artikolu 50. Naturalment pero' tali disposizjoni hija fakoltativa u mhux mandatarja. Pero' jidher li l-ewwel Qorti qieset il-fedina penali tal-appellant qabel ma giet biex tippronunzja l-piena idoneja u mhux biss, rat ukoll ir-rapport tal-ufficcjal tal-probation Mary Rose Farrugia prezentat fl-atti a fol. 25 fejn stqarret li hija ghamlet diversi tentattivi biex tipprova taghmel kuntatt mal-appellant kemm permezz ta' telefon kif ukoll billi baghtitlu ittri biex jikkomunika maghha pero' baqa ma ghamel l-ebda kuntatt. Il-fedina penali tal-appellant hija wahda kulurita hafna b'divesi reati registrati fuqha. Fejn minn esami ta' l-istess jidher li l-appellant ingahta divesi chancijiet minn dawn il-Qrati biex jitranga pero' cioe' nonostante ghazel li jibqa' ghaddej f'din il-hajja ta' kriminalita' tant li llum rega' qieghed quddiem din il-Qorti.

---

[13] Deciza mill Qorti tal-appell kriminali fis-26 ta' Marzu, 2009
[14] Deciza mill Qorti tal-appell kriminali fis-26 ta Frar 2009
[15] Deciza mill Qorti tal-appell kriminali ( sede superjuri nhar l-20 ta MArzu 2009

Il-Qorti ghenet kull min deher quddiemha jekk verament wera r-reida li jibda' hajja gdida li f'dan il-kaz ma japplikax.

Il-Qorti rat li l-piena inflitta taqa' fil-parametri tal-ligi.

Ghalhekk il-Qorti li tiddikjara li qed tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellant mit-tielet akkuza u sabithu hati ta' l-ewwel, it-tieni u ir-raba' akkzua kif ukoll qed tikkonfermaha fir-rigward tal-piena nflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur